MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Numru 446/2007

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Clint Sciberras, iben Anthony, imwieled Pieta' fis-17 ta' jannar, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-10 ta' mejju, 2007 u fix-xhur ta' qabel, minn ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ikkometta serq ta' xi affarijiet minn ġewwa l-UCIM Co. Ltd., għad-dannu ta' l-istess soċjeta', liema serq hu kkwalifkat bil-persuna u li ma jeċċedix il-mitt lira maltin (Lm100).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ ġunju, 2007 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat kien serq kwantita’ ta’ żejt tal-valur ta’ ħames liri maltin (Lm5).

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ ġunju, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjujba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(d), 268(a) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------